MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GUDIKATURA KRIMINALI)
# DISTRETT - RABAT (GHAWDEX)

**MAGISTRAT DR.**
**GRIXTI GIOVANNI LL.D., LL.M.**

Seduta ta' l-20 ta' Novembru, 2002

Numru. 459/2002

**Il-Pulizija**
**(Spettur Maurice Curmi)**

**- vs -**

**Teddy Farrugia bin Joseph u Rose nee Zammit li joqghod Nru 64, Triq San Duminku, Rabat, , Ghawdex. (Karta ta' l-Identita` Nru 7662 G)**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra l-imputat talli fit-2 t'Awissu 2002 ghall-habta ta' l-10:45 a.m. gewwa x-Xatt ta' l-Imgarr, Ghawdex (1) kiser il-paci u l-ordni pubblika b'ghajjat u l-glied jew mod iehor (2) aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi qal dagha u kliem oxxen fil-pubbliku (3) aktar talli fl-istess cirkostanzi ingurja u hedded bi kliem lil Gorg Fenech u lil Victor Xuereb.

Il-Qorti hija gentilment mitluba li f'kaz ta' htija tigi applikata Sec 383 tal-Kap 9 tal-Kodici Kriminali.

Semghet il-provi;

Issib lill-imputat hati;

Rat l-artikoli 338 (dd) (bb) u 339 (1) (e) tal-Kap 9;

Tikkundannah ghall-hlas ta' ammenda ta' ghoxrin lira Maltin (Lm20) u tobbligah ma jimmolestax u/jew ma jdejjaqx lil Gorg Fenech u/jew lil Victor Xuereb fuq penali ta' sittin lira Maltin (Lm60) multa fin-nuqqas ghal zmien sena mil-lum skond l-artikolu 383 tal-Kap 9.

(ft) Giovanni Grixti
Magistrat

(ft) Eva Buttigieg
D/Registratur
Vera Kopja

Ghar-Registratur